**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025**

**Talba Nru: 307/2023MD**

**A. Falzon Energy Projects Ltd (C51294)**

**Vs**

**DB Finishes Ltd (C80510)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-31 ta' Awissu, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata tħallas is-somma ta' elf, erba' mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżimu (€1,446.55) inkluż il-VAT rappreżentanti servizzi kif ukoll tagħmir li saru lis-soċjeta' konvenuta mingħand is-soċjeta' attriċi; bl-imgħax mid-data tal-ħruġ tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-soċjeta' konvenuta datata t-13 ta' Ottubru, 2023[2] li permezz tagħha eċċepiet:

> *Illi x-xogħol u/jew servizz li ngħata mis-soċjeta' attriċi ma sarux skond is-sengħa u l-arti.*

---

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

[2] A fol 10 et seq tal-proċess

*Illi mingħajr preġudizzju, l-esponenti m'għandux diffikulta' li jħallas l-ammont ta €138.81, għalkjemm qatt ma rċievha invoice sabiex isir il-ħlas.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet;

Ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' pprestat servizzi u tagħmir lis-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' ta' elf, erba' mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżimu (€1,446.55) inkluż il-VAT, liema ħlas ma sarx mis-soċjeta konvenuta.

**Kunsiderazzjonijiet**

Sema lil **Anthony Falzon**[3] li ddikjara li hu d-Direttur tas-soċjeta' attriċi li biegħet xi apparat u sar xogħol addizzjonali. Il-bejgħ tal-apparat imur lura għas-sena 2019. Ix-xogħol imur lura mis-sena 2020. Huma kienu jissuplixxu l-apparat imbagħad ġew mitluba sabiex ir-*radiators* jiġu miżbugħin. Is-soċjeta' konvenuta ġiet mitluba tagħżel l-affarijiet, sar is-*sample* u l-*ispray* u l-problema li jaf li kien hemm kienet li hu ma talab xejn iżjed barra l-*ispray*. Irriżulta li meta ġew biex jimlew bl-ilma kien hemm xi *leaks* mir-radiators u mhux huma ssupplewhom, kienu tal-klijent ta' qabel. Li kienu għamlu kienu żebgħuhom mhux biegħuhom. Kien hemm miktub li kull oġġett li hu mitlub huwa *extra* barra miż-żebgħa u sar anke *testing* li jinkludi ġranet tax-xogħol u mhux ta' ftit minuti. Hemmhekk kien l-argument. Il-klijent tagħhom f'dan il-każ kienet dejjem is-soċjeta' konvenuta, il-klijent kien id-deputat tiegħu mhux il-*finishing customer*. Hu kien jikkorrispondi ma' ċertu Adrian iżda ma kienx ċert. Id-diżgwid mas-soċjeta' konvenuta nqala' fuq li l-klijent kien qal li qed jillikjaw ir-*radiators* u huma qalulu li ma kienux parti mix-xogħol li taw, dawk setgħu ġew mitluba qabel jekk ried li jinvolvi daqsekk flus, il-klijent tiegħu ma riedx jagħmilhom u huma ma setgħux jipproċedu. Hu għamel talba għax ma tħallasx, u f'okkażżjoni minnhom jiftakar li kienu ftehmu li kemm jiddeliverjaw u jtihom iċ-ċekk. Meta ċempillu qallu li mbagħad jibgħatulu u ma bagħat xejn. Huma ħarġu l-*invoices* u ppreżentahom flimkien mal-*emails* li ntbagħtu[4].

[3] A fol 14 et seq tal-proċess, xhieda datata 18 ta' Jannar, 2024
[4] A fol 16 et seq tal-proċess

Sema lil **Andrea Debattista**[5] li ddikjara li huma bħala kumpanija joffru *turnkey services* u jirranġaw il-proprjetajiet. Bdew l-ewwel biċċa tal-proġett mas-soċjeta' attriċi, u kienu għamlu xi xogħolijiet żgħar oħra fil-passat. Issupplew il-maġġjoranza tal-*equipment* li kellhom bżonn. Il-kwistjoni kienet fuq xi ħaġa oħra separata. Kien hemm *radiators* li hu kien kellem lil Falzon sabiex jagħmlilhom *refurbishment* fejn l-iskop ta' dan l-eżerċizzju kien fuq talba tal-klijenti tagħhom. Is-soċjeta' attriċi kienet kienet issupplixxithom u għalhekk avviċina lis-soċjeta' attriċi. Kien iktar faċli għaliex ġja kienu jaħdmu mal-istess soċjeta' attriċi fuq l-istess proġett. Bażikament l-idea kienet li jirranġahom fis-sens li jagħmlilhom *pressure test* biex jara kienx hemm *leaks*, imbagħad jiġu miżbugħin mill-ġdid. Huwa inkariga lis-soċjeta' attriċi għaliex ma riedx li jkollu sitwazzjoni fejn wieħed jagħmel *testing*, ieħor *finishing* u jkun hemm problema li wieħed iwaħħal fl-ieħor. Spejga li huma *inhouse* u ħuh għandu fabbrika tal-ħadid li jagħmel *powder coating* u *blasting* u għalhekk ħadhom għand is-soċjeta' attriċi. Il-*finishing* tal-prodott ma kienx tajjeb u esebixxa serje ta' ritratti li gew immarkati bħala Dok. AD1 sa Dok. AD9[6]. Spjega li Dok. AD1 tidher marka sewda fl-*ispray* u fl-oħra hemm tiċrita li hija relatata mat-tieni problema. Il-kumplament tar-ritratti li ppreżenta juru difetti fiż-żebgħa. Ittieħdu lura sabiex jiġu riparati pero' ma kienux *up to standard*. Mat-tieni *delivery* indunaw li *pressure test* ma kienx sar. Induna mill-ewwel għaliex kien hemm minnhom li kellhom tiċrita fihom u għalhekk ma kienux ser iżommu l-*pressure*. Tkellem ma Falzon li l-ewwel insista li ma kienx il-każ li kellhom jagħmlu l-*pressure test*. Hu qallu li żgur kienet diskussa li kellu jagħmillhom il-*pressure test* u kien aċċetta u ġie jagħmilhom fejn irriżulta li kollha kemm huma jillikjaw fejn bagħtlu *email* bir-ritratti li huma mmarkati Dok. AD9[7]. *F'email* tiegħu qed jibgħatlu r-ritratti tat-*testing* li għamlu li huma tal-*pressure test* wara li ġew *delivered*. Dejjem kellhom jiġu rranġati u biex isir hekk kellhom jinfetħu, ż-żebgħa terġa tmur u Falzon ma riedx jidħol fiha. Il-marki li jidhru huma kif irċiviehom mingħandu, u ċioe' minn fejn qed jillikjaw ir-*radiators* kollha. Prova jasal kemm-il darba mas-Sur Falzon. Hemm *email* li tgħid li jixtieq jissortjaha għax fl-aħħar mill-aħħar irid jaqdi lil klijent. Jaf x'jiġifieri meta bniedem ma jitħallasx u kienet l-aħħar ħaġa li ried jagħmel. Kellu jirriparahom huwa għaliex ried jirritornahom għand il-klijent bi spejjeż tiegħu. Ma talabx il-50% depożitu li tħallas pero' ma setgħax iħallas il-kont bl-ispejjeż li kellu. Hu kien ġja ħallas il-50% tax-xogħol lil Flazon u kien fadal 50% oħra. Qal li għall-ammont ta' €138 għalkemm qatt ma rċievha l-*invoice* jammetti li għandhom jitħallsu.

Fil-kontro-eżami[8] ikkonferma li l-*blasting* tar-*radiators* sar, il-*coating* tar-*radiators* sar ħażin, ma għamilx kontro-talba fuq id-differenza tal-ammont u proċeduri oħra fil-konfront tas-soċjeta' attriċi qatt ma għamel.

Fil-kontro-eżami ulterjuri[9] spjega li hu d-Direttur tas-soċjeta' konvenuta. Ir-*radiators* żmantellawhom minn mal-ħajt huma. Ma jafx jekk qabel ma żmantellawhom kienux jaħdmu għaliex is-sid kien ġja qalagħhom qabel ma żmantellawhom. Muri dokument a fol 18 tal-proċess qal li dan kien għal-*blasting* u *powder coating* u din il-fattura ntbagħtet fid-29 ta' Novembru, 2022. Ikkonferma li ma hemm imkien imsemmi li hemm ittestjar ta' *radiators* fil-*quote* u qal li hu din il-*quote* qatt ma rċivieha u li hu irċievha *proforma invoice* immedjatament wara li r-*radiators* kien ġja ngabru minn fuq is-sit għaliex il-prezz kien miftiehem fuq it-telefon.

[5] A fol 37 et seq tal-proċess; xhieda datata 3 ta' Mejju, 2024
[6] A fol 39 et seq tal-proċess
[7] A fol 47 et seq tal-proċess
[8] A fol 38 tal-proċess
[9] A fol 63 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 25 ta' Marzu, 2025

Kellem mill-ewwel lil Falzon imbagħad ċemplitlu t-tifla tiegħu biex tikkonferma li hemm żewġ prezzijiet differenti fuq ir-*radiators* iż-żgħar u l-kbar. Kienet konversazzjoni li kien hemm ma Falzon li l-proċess irid ikun *testing* tar-*radiators* li jitranġaw imbagħad isir il-*powder coating* u l-*blasting*. Fil-fatt Falzon wara li marru *on site* t-tieni darba għaliex ix-xogħol ma kienx tajjeb tal-*powder coating* u *blasting*, bagħat lin-nies tiegħu biex jagħmlilhom il-*pressure test*. Hu ddeċiedha li joħroġ mis-sitwazzjoni billi jiċċarġja iżjed wara li rrealizza li sar l-iżball min-naħa tiegħu u kien hemm spejjeż kbar sabiex jiġu rranġati kif kien il-ftehim. B'referenza minn *fol* 20 sa *fol* 25 li hemm konversazzjoni fejn ikkonfermawlu li t-*testing* ma huwiex parti mill-prezz staqsa għaliex bagħat it-*testing* biex isir meta l-ftehim dejjem kien li jsir it-*testing* u dan għaliex kif ġja spjega huma għandhom *blasting inhouse*. Hu qatt ma rċievha l-*quote* uffiċjali. Qal li r-*radiators* ma ġewx ittestjati skont l-istruzzjonijiet tiegħu, liema ftehim sar b'mod verbali kif dejjem ħadem ma Falzon fuq proġetti oħra.

Fir-ri-eżami[10] qal li hu kien ingaġġa lis-soċjeta' attriċi kemm fuq dan il-proġett fuq affarijiet li jirrigwardjaw il-*boiling system* u kemm fuq proġetti oħrajn, u kien hemm ħafna kommunikazzjoni bejniethom. Kien hemm relazzjoni professjonali bejniethom u fil-fatt Falzon kemm-il darba mar *on site* sabiex jgħinhom bħala installazzjoni ta' *boiler*, *pipe work* tal-*boiler-room*, u *fuel system*.

Fil-kontro-eżami ulterjuri[11] qal li dwar affarijiet oħra qatt ma kellhom problemi fuq li ftehmu iżda fuq biss fuq din il-kawża odjerna. Kif jidher mill-*emails*, kien qal lil Falzon biex jilħqu kompromess għaliex ried iħallas. Kellu ċ-ċekk preparat lest biex jgħaddihulu pero' ma jidhirlux li jekk irrikorra spejjeż żejda għan-nuqqas tax-xogħolijiet li kellu jagħmel Falzon biex jittranġa x-xogħol li fl-aħħar mill-aħħar lil klijent ried jgħaddihomlu jaħdmu. Ma għamilx kontro-talba għaliex għal-elf Ewro (€1,000) ma kienx *worth it* għalih jitla l-Qorti avolja Falzon iddeċieda li jtella' lilhom.

Jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni tax-xogħol fuq diversi proġetti. Jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta tammetti li l-fattura datata fl-ammont ta' mija, tlieta u tmenin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżimu (€183.81) datata 4 ta' Mejju, 2023[12] għandha titħallas mill-istess soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi.

Jifdal għalhekk tiġi trattata il-fattura datata 7 ta' Frar, 2023[13] fis-somma ta' elf, tlett mija u seba' Ewro u erbgħa u sebgħin ċentezimu (€1,307.74) li s-soċjeta' konvenuta tinsisti li m'għandiex tħallas u dan għaliex kien hemm ftehim bejn il-partijiet li s-soċjeta' attriċi kellha tagħmel ix-xogħol ta' *pressure testing*, *blasting* u *powder coating* fuq *radiators* liema *pressure testing* ma sarx u għaldaqstant ix-xogħol ta' *blasting* u *powder coating* ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi hija qatt ma rċiviet il-*quote* datata 20 ta' Novembru, 2022 iżda biss il-*proforma invoice* u dan immedjatament wara li r-*radiators* kienu ġja nġabru minn fuq is-sit u dan għaliex il-prezz kien ġja miftiehem fuq it-telefon. Kompliet tikkontendi li wara li rċiviet il-*proforma invoice* tkelmet mill-ewwel ma' Falzon u ċemplet it-tifla tiegħu biex

---

[10] A fol 65 tal-proċess
[11] Ibid
[12] A fol 5 et seq tal-proċess
[13] A fol 4 tal-proċess

tikkonferma li hemm żewġ prezzijiet differenti u ċioe' fuq ir-*radiators* il-kbar u fuq ir-*radiators* iż-żgħar. Is-soċjeta' konvenuta tgħid ukoll li fil-konversazzjoni li kellha ma' Falzon, li l-proċess kien li jsir it-*testing* tar-*radiators*, jittranġaw u mbagħad isir il-*powder coating* u l-*blasting*.

Jirriżulta li l-*proforma* mibgħuta mis-soċjeta' attriċi datata 5 ta' Jannar, 2023, taħt *product description* hemm indikat: 50% *Deposit Blasting and Powder Coating on radiators*, fuq liema *invoice* jidher lis-soċjeta' konvenuta kienet ġja ħallset 50% tal-istess tal-prezz miftiehem bejn il-partijiet. Is-soċjeta' konvenuta kkonfermat li l-*proforma* ġiet mibgħuta wara li nġabru r-*radiators,* u li wara li rċiviet l-istess *proforma* tikkontendi li saret telefonata lis-soċjeta' attriċi, iżda ma jirriżultax li sussegwentement wara din it-telefonata inħarġet fattura oħra fejn li kienet tinkludi l-*pressure tests* ukoll. Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi wkoll illi meta ċemplet it-tifla ta' Falzon tkelmu fuq prezzijiet ta' *radiators* kbar u *radiators* żgħar iżda ma jirriżultax li sar xi diskors dwar *pressure tests*. Is-soċjeta' konvenuta tkompli tikkontendenti li x-xogħol tant sar ħażin li s-soċjeta' attriċi reġgħet marret fuq il-post għat-tieni darba għaliex ix-xogħol tal-*powder coating* u *blasting* ma kienx sar tajjeb u Falzon stess kien bagħtilhom lin-nies sabiex jagħmlu l-*pressure test*. L-*email* datata 17 ta' April, 2023 mibgħuta mis-soċjeta' attriċi tgħid:

> *The following note in the picture attached as you can see that there are some minor leaks that occurred while you were using the hydraulic systems and hot water. These leaks will close even with some small rust from the water. This will stop the leak pressure testing by air. It is common to have these minor leaks.*

Għal-liema s-soċjeta' konvenuta wieġbet fit-18 ta' April, 2023:

> *Thank you for the pictures and information.*
>
> *This being beyond my technical knowledge, I shall refer the matter to Charles from Camilleri & Cuschieri (Engineers in charge of the project) and revert to settle the matter accordingly.*
>
> *Please make no mistake that I want to withold payment. To the contrary, I wish that this will be settled as soon as possible so we can settle payment accordingly.*
>
> *I will be in touch as soon as I have any feedback.*

Fejn ftit minuti wara l-istess soċjeta' konvenuta reġgħet bagħtet lis-soċjeta' attriċi:

> *Spoke with Charles. He suggests that firstly the units are pressure tested with water to determine the magnitude of the known leaks.*
>
> *Please advise if you wish to send one of your men to do this or if I shall organise this myself?*

Fejn kompliet il-korrispondenza bejniethom fejn fid-19 ta' April, 2023 is-soċjeta' attriċi wieġbet:

*For this request the cost will be 55 euros each, we need 2 and ½ days to do these tests, plus we need each one gauge and valve with plugs, have to be two persons to be tested as have to be tested vertically with bleeding valve on top.*

Fejn is-soċjeta' konvenuta wieġbet permezz ta' email datata 25 ta' April, 2023:

*Thank you for your offer. As per our discussion, these should have been included in your original quote as you are very well aware that it does not make sense that we are doing this exercise after the units have been painted.*

*I cannot expect the client to pay this additional charge, thus we will handle the testing ourselves. Once confirmed which units can be used without dismantling and damaging the paint, I will settle accordingly.*

*Oltre* minn hekk, mill-*email* datata 17 ta' April, 2023 u r-ritratti annessi magħha[14] bis-suġġett *water leakage* jirriżulta li kien hemm osservazzjoni u informazzjoni fir-rigward ta' *minor leaks that occured while you were using the hydraulix systems and hot water* fejn saħansitra kien hemm immarkat minn fejn hemm il-*leakages*. Jirriżulta li din l-osservazzjoni saret wara li ġew miżbugħin l-istess *heaters* li ma jirriżultax li kellhom xi daqqiet. Illi għalhekk hekk kif spjegat fis-suespost, mill-*proforma invoice* jirriżulta li kien ġja tħallas bilanċ ta' 50% kien ta' *blasting* u *powder coating* u mill-ebda kommunikazzjoni esebita ma jirriżulta li kien hemm ftehim li qabel kellu jsir it-*testing* salv għall-*email* datata 25 ta' April, 2023 li ġiet risposta permezz ta' *email* datata 28 ta' April, 2023 li tgħid:

*... please note that the offer is more than clear that it is only for paint, (terms and conditions Point 6)*

*Why we did not do this before, it's the customer who decides what needs to be done, it's not our duty to tell you.*
*...*

*Oltre* minn hekk, wara t-telefonata msemmija mis-soċjeta' konvenuta li saret wara li ra l-*proforma invoice* ma jirriżultax li kien hemm fattura oħra maħruġa li fiha kien hemm imniżżel il-*pressure testing*.

Għaldaqstant ma jirriżultax li kien hemm ftehim li jsir il-*pressure testing* bejn il-partijiet meta ġew mifthema x'xogħolijiet kellhom isiru fuq ir-*radiators*.

It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jara jekk ix-xogħol sarx skont is-sengħa u l-arti.
Mill-*emails* esebiti ma jirriżultax illi kien hemm ilment min-naħa tas-soċjeta' konvenuta dwar li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. L-*email* datata 25 ta' April, 2023 mibgħuta mis-soċjeta' konvenuta tgħid:

*...*

[14] A fol 48 et seq tal-proċess

*I cannot expect the client to pay this additional charge, thus we will handle the testing ourselves. Once confirmed which units can be used without dismantling and damaging the paint, I will settle accordingly.*

Mir-ritratt esebiti minn *fol* 48 sa *fol* 56[15] ma jirriżultax li kien hemm titjir fiż-żebgħa, liema titjir fiż-żebgħa jirriżulta fir-ritratti minn *fol* 39 sa *fol* 46. Mill-*email* hawn fuq ċitat jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta kienet beħsiebha tagħmel it-testijiet neċessarji hi u ma ħallsitx l-ammont rimanenti sakemm tikkonferma liema *units* li ser jiġu żarmati ma kienux ser jiġu *damaged*.

Fil-kontro-eżami Andre Debattista qal:

*"...kif tista' tara mill-emals, jien stess lis-Sur Falzon għidtlu nixtieq nilħqu kompromess għax jien irrid inħallas. Jien kelli iċ-ċekk preparat lest biex ngħaddihulu pero' ma jidhirliex illi jekk irrikorrejt spejjeż żejda għan-nuqqas ta' xogħolijiet li kellu jagħmel is-Sur Falzon biex jitranġaw dan ix-xogħol fl-aħħar mill-aħħar, il-klijent irrid nagħtihomlu jaħdmu.*

*... Nerġa ngħidlek għax għal elf ewro mhux worth it għalija li nitla l-Qorti."*

Illi għalhekk ma jirriżultax li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti iżda li s-soċjeta' konvenuta ma tridx tħallas il-bilanċ rimanenti għaliex riedet terġa żżarma r-*radiators* sabiex issirilhom il-*pressure testing* u riedet tikkonferma liema *units* kienu ser jiġu danneġġjati. Jiġi rilevat li madanakollu, għalkemm is-soċjeta' konvenuta tibqa tikkontendi li soffriet danni ma ressqet l-ebda kontro-talba f'dan is-sens.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal qiegħed jiddisponi minn din il-kawża billi jilqa' t-talbiet attriċi, jilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta u jordna lill-istess soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, erba' mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżimu (€1,446.55) bl-imgħax dekorribbli mit-30 ta' Mejju, 2023[16] sad-data tal-pagament effettiv, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti.

Bl-ispejjeż jitħallsu unikament mis-soċjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**

---

[15] Liema ritratti kienu annessi ma' *email* datata 17 ta' April, 2023 mibgħuta mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta konvenuta

[16] Data tal-aħħar fattura, a fol 17 tal-proċess